FGURA

Minuti tat-tieni laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum 3 t'Awissu 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| Viċi Sindku | Is-Sur A.Degiovanni |
| Kunsillieri: | Is-Sur C.Bonello – 18:50hrs<br>Is-Sur B.Camilleri<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sur M.Lombardo<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sinjura R.Cutajar |
| **Deputat Segretarju:** | Is-Sur K.Borg |

Is-Sur A.Debono kien informa li ma setgħax jattendi.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1 Approvazzjoni ta' Minuti

**Minuti tal-Laqgħa 9 ta' Lulju 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tal-laqgħa ta' 9 ta' Lulju 2009 kif ippreżentati. Il-minuti tal-laqgħa kienu approvati nem con.

## 2 Korrispondenza

Is-Sindku ta rendikont tal-korrispondenza rigward il-bring in sites. Saret diskussjoni. Sar qbil li għandhom jingħalqu minnufih l-Underground Bring In Sites. Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2508/09/6 "Li dan il-Kunsill jkkonsidra dawn is-siti li ġejjin għall-underground bring in sites: 1.Triq il-Kampanella l-isfel 2. Triq Valperga faċċata ta' Triq is-Sur 3. Triq il Foss. Wara li nikkonsultaw ir-residenti permezz ta' mail shot, niktbu lil Wasteserv, b'lista ta' priority". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Ittieħed vot.

Is-Sur C.Bonello daħal fil-kamra – 18:50hrs

Favur – Sindku, Viċi Sindku, Sur B.Camilleri, Sur S Camilleri, Sur M Lombardo, Sur P Dalli, Sinjura R Cutajar

Kontra – Ħadd

Astenzjoni – Sur C Bonello

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 2508/09/6 kienet approvata b'seba' voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

Saret diskussjoni fuq ittra t'approvazzjoni li l-Kunsill irċieva mill-ADT rigward il-Keep Clear tal-Banif Bank. Din l-ittra ġiet approvata mill-Kunsill.

Saret diskussjoni fuq ittra li l-Kunsill irċieva mill-Go biex jarmaw promo truck f'Wesgħa Kunsill ta' l-Europa. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jimxu skond il-kundizzjonijiet tal-liċenzja ta' street hawkers.

## 3 <u>**Approvazzjoni Purchase Request Forms**</u>

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2509/09/6 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi". Din kienet sekondata mil-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2509/09/6 kienet approvata nem con.

## 4 <u>**Approvazzjoni Ħlasijiet**</u>

Is-Sur S.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2510/09/6 "Sabiex dan il-Kunsill jhallas is-somma ta' madwar €56704.00 li hija 70% tal-kont imkejjel u ċ-ċertifikat mill-perit tal-Kunsill, għax-xogħol li sar fil-Housing Estate sissa mill-kuntrattur V&C". Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2510/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2511/09/6 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi bil-ħlas ta' l-asfaltar ikun ta' 70 % tal-kont finali ċċertifikat mill-Perit". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2511/09/6 kienet approvata nem con.

## 5 <u>**Komunikazzjoni mis-Sindku**</u>

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2512/09/6 "Sabiex il-Kunsill joħroġ "Press release" fl-interess tar-resident dwar inkonvenjenti kkawżati mix-xogħolijiet minn xogħolijiet tat-tħaffir ta' mina fil-Fgura." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2512/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2513/09/6 "Sabiex il-Kunsill jibgħat żewġ ittri separati lill-Mepa u lill-WSC fejn jistaqsi x'inhuwa l-gwadan għall-Kunsill u għar-residenti tal-Fgura ta' l-iżvilupp li jinvolvi t-tħaffir tal-mina."

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2513/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2514/09/6 "Li dan il Kunsill jgħati refund lis-sidien tal-kiosks li ramaw fil-festa 2009 billi ma kienx hemm riperkustjonijiet." Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2514/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2515/09/6 "Sabiex dan il-Kunsill joħroġ "Expression of Interest" biex isir studju bbażat fuq konsultazzjoni dwar it-titjieb ta' kwalita ta' ħajja aħjar fil-Fgura.". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2515/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-problema li hemm fuq il-kuntratt tal-knis, fejn qegħdin isiru rapporti ta' nuqqas ta' ndafa mill-Contract Manager. Id-Deputat Segretarju għandu jiffissa laqgħa bejn il-Kuntrattur, il-Contract Manager, is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Rita Cutajar.

## 6 <u>Mozzjonijiet</u>

Is-Sur B.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2516/09/6 "Li l-Kunsill tal Fgura jistitwixxi l-Premju "Ħajr il-Fgura" sabiex jirrikonoxxi persuni mhux residenti fil-Fgura iżda li kkontribuxxew għall-iżvilupp tagħha u ta' niesha. Regolamenti: A. Il-Kunsill jiddeċiedi li jgħati dan il-premju lill-persuna/persuni fuq proposta tal-Kunsillier/ Sottokumitat konċernat. B. Jingħata lil mhux aktar min ħames persuni f'sena waħda. C. Il-Persuna kkunsidrata għal dan il-premju tista' qatt ma tkun resident fil-Fgura jew Malta. D. Ma tkunx inghata dan il-premju jew "Ġieħ il-Fgura" xi darb oħra. E. Tkun wettqet ħidma li biha jkunu bbenefikaw ir-residenti tal-Fgura. F. Tkun ikkunsidrata ħidma fi kwalunkwe qasam ta' attivita." Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2516/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur B.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2517/09/6 "Li dan il-Kunsill jalloka s-somma ta' mhux aktar min 700€ għall-Premju ta' "Ħajr il-Fgura". Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2517/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2518/09/6 "Sabiex jiġu allokati 1,500 ewro għas-sistema tal-elettriku fl-uffiċju biex ikun jista' jsir ix-xogħol immedjat. Jitqabbad l-inqas offerta". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2518/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2519/09/6 "Sabiex jinħatar grupp ta' ħidma dwar il-post tal-kiosks fil-festa minn: Sindku, Saviour Camilleri, Mark Lombardo, Pierre Dalli ". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Il-mozzjoni ref: 2519/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur S.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2520/09/6 "Biex dan il-Kunsill japplika lid-Dipartimenti konċernati għad-devoluzzjoni ta' biċċa art ta madwar (circa) 35sq M adjacent mal-librerija li hemm fi Triq il-Carmnu (school grounds)". Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2520/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur S.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2521/09/6 "Biex dan il-Kunsill għandu jieħu dawk l-azzjonijet kollha biex titneħħa siġra li hemm ma ġemb il-librerija u sub-station. Din is-siġra mhiex siġra endemika. Din is-siġra qeda toħloq ħsara fil-paviment tal-librerija u tkun kaġun ta' sadd tal-katusi ta' lilma bil-weraq tagħha". Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2521/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sur P.Dalli ressaq mozzjoni ref: 2522/09/6 "Sabiex il-Kunsill jagħmel erbgħa bollards fi ġnien Reggie Miller. Dawn għandhom jiġu mwaħħla fil-parti ta' triq Karmelitani. Bi spiża ta mhux aktar minn €". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2522/09/6 kienet approvata nem con.

## 7. <u>Pjan ta' Ħidma</u>

Is-Sindku tkellem dwar it-tħejjija tal-Pjan ta' Ħidma. Hawn kull Kunsillier ressaq il-pjan ta' ħidma (ara kopji annessi) li jirrigwarda r-responsabbilta' tiegħu. Kull Kunsillier ingħata ċ-ċans li jispjega fid-dettal il-pjan tieghu.

Is-Sur Charles Bonello wara li spjega l-Pjan ta' Hidma tieghu nforma l'Kunsill li ser isejjah laqgha mar-raprezentanti tal-Ghaqdiet sabiex tigi fformolata attivita kbira bil-hsieb li l-Kunsill jippartecipa fi skema mill-Gvern Centrali.

Fit-20.15hrs saret waqfa ta' mistrieħ ta' 5 minuti.

Is-Sur M.Lombardo ressaq mozzjoni ref: 2523/09/6 "Jiġi ffurmat sottokumitat "Wied Blandun" minn dawn il-persuni - Mark Lombardo, Christian Brincat, Steve Compagno, Christian Debono, Gavril Flores u Michael Portelli". Din kienet sekondata mis-Sur C.Bonello. Il-mozzjoni ref: 2523/09/6 kienet approvata nem con.

Is-Sindku qal li ser jikkompila dawn il-pjanijiet f'wieħed sħiħ tal-Kunsill.

Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat ittra lill-Ministru Pullicino biex isir ir-restawr tal-Monument tas-Salib.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll li għandha tintbgħat ittra lill-Water Services Corporation biex issir it-tiswija neċessarja ta' l-ispralli li hemm mar-roundabout ta' Triq Hompesch k/m Wesgha Kunsill tal-Ewropa.

## 8 <u>Budget / Business Plan</u>

Is-Sindku ressaq ittra mill Accountant Lawrence A. Cauchi fejn talab is-somma ta' 2,300 Euros biex jagħmel il-Budget 2009/10 u l-Business Plan 2009-20012. Din l-ittra ma ġietx approvata mill-Kunsill.

## 9 <u>Sage Pastel & Evolution</u>

Id-Deputat Segretarju spjega kif il-Kunsill kien ħallas biex jagħmel użu mill-programmi tas-Sage Pastel & Evolution. Riċentament dan is-software preżenta xi bugs. Id-Deputat Segretarju talab il-permess tal-Kunsill sabiex

jinforma lis-supplier li m'aħniex lesti li nħallsu għall-bugs (nuqqasijiet) tal-programm. Il-Kunsill qabel unanimament.

**10. Street Lighting Committee**

Is-Sindku qara l-aħħar korrispondenza ta' dan il-Kumitat fejn jidher li dan il-Kumitat m'għadux jiffunzjona kif suppost. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandha toħroġ sejħa minn dan il-Kunsill biss biex jingħata is-servizz mixtieq.

**11. Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fid-21:15hrs u kienet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 9 ta' Settembru, 2009 fis-18:30hrs.

____________________ ____________________

Sindku Deputat Segretarju